**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imħallef Dr Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

**Appell Numru 343/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Hubert Cini)**

**Vs**

**Spiridione Costa k/a Spiridione Tanti Costa.**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2022

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Spiridione Costa, magħruf bħala Spiridone Tanti Costa, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 102365 (M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

a) Fit-18 ta' Jannar 2015 ġewwa Triq Mater Boni Consilii Paola, Malta, għall-ħabta tal-13.40, bil-ħsieb li jisraq minn djar bin-numru 26 u 24 La Vallette, Triq Mater Boni Consili, Paola wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għll-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma kienx esegwit minħabba xi ħaġa

aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu u dan bi ksur tal-artikoli 41(1), 263 u 269 tal-Kodiċi Kriminali Kap 9.

b) Talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, bħala persuna ikkundannat f'Malta għal serq, jew għal riċettazzjoni, instab fil-pussess ta' oġġetti oħra, li ma kienux tal-kondizzjoni tiegħu, mingħajr ma ta kont sodisfaċenti ta' kif kienu ġew leġittimament għandu kif ukoll instabu għandu mfietaħ, imqabblin jew iffalsifikati, jew għodod oħra tajbin għall-ftuħ jew sgassar ta' serraturi, jew instabu għandu forom ta' serraturi, mingħjar ma ta kont sodisfaċenti għal liema skop leġittimu nstabu għandu f'dak iż-żmien, u dan bi ksur tal-artikolu 287 tal-Kodiċi Kriminali Kap 9;

c) Talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, daħal fi djar bin-numru 26 u 24 La Vallette, Triq Mater Boni Consili, Paola jew lok ieħor jew f'reċint b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikoli 264, 265 u 266 għalkemm ma kien hemm ebda prova ta' att li jikkostitwixxi attentat ta' reat ieħor, għall-fatt biss tad-dħul hawn fuq imsemmi, meta miċ-ċirkostanzi kien jidher li l-ħsieb tal-ħati kien li jagħmel serq jew ħsara lill-proprjeta' jew xi reat kontra l-persuna kif definit fl-artikolu 5(1)(d) inkella meta kien ġie kkundannat għal xi reat minn dawn jew għal waħda mill-kontravenzjonijiet imsemmijin fl-artikolu 33(i) u (w) u dan bi ksur tal-artikolu 330 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

d) Talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi fil-fond numru 24, La Vallette, Triq Mater Boni Consilii, Paola b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ta' Clive Carabott, mobbli jew immobbli billi kissirlu tieqa għal dannu ta' aktar minn 230 Euro

rispettivament u dan bi ksur tal-artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

e) Talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi xjentement xtara jew laqa' għandu ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir f'Malta sew jekk isir f'barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod ieħor li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

f) Talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, salvi d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 8, ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju u dan bi ksur tal-artikolu 6 tal-Kap 480 – l-Att dwar l-Armi;

g) Il-Qorti kienet mitluba li f'każ ta' ħtija titratta mal-imputat bħala li sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta liema sentenzi kienu mogħtija lil Spiridione Costa magħruf bħala Spiridione Tanti Costa u li saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Spiridione Costa k/a Spiridone Tanti Costa' li biha sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tiegħu ħlief dik numru (4) dwar ħsara volontarja u dik numru (5) dwar riċettazzjoni u bhala reċidiv ikkundannatu għal piena ta' priġunerija għal żmien tmintax-il xahar flimkien ma' ħlas ta' multa ta' 116.47 Ewro. Il-Qorti ordnat ukoll il-konfiska u d-distruzzjoni tal-oġġetti taħt il-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Spirridione Tanti Costa intavolat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-28 ta' Ġunju 2016 li bih talab ir-**riforma** tas-sentenza appellata billi waqt li tikkonferma s-sentenza f'dik il-parti fejn ma sabitx lill-appellant ħati tar-raba' u tal-ħames imputazzjoni tirriforma l-parti fejn sabitu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra u tilliberah minnhom.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-partijiet;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkonsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz, brevement rakkontati huma li fuq rapport maghmul minn terzi li persuna kienet ghadha kemm dahlet gewwa fond allegatament bi zgass, il-Pulizija minnufih irrikorriet fuq il-post li huwa wiehed li fih ma joqghod hadd u li kien msakkar mill-pulizija wara aktar minn ghoxrin sena ilu mietu s-sidien tieghu u l-werrieta m'humhiex mgharufa. Meta l-Pulizija accediet fuq il-post rrizultalha l-izgass izda ma sabet lil hadd fih. It-tfittxija kompliet fuq il-bejt u f'dak il-hin persuna ttentat tohrog tigri mill-fond izda nzamm mill-Pulizija. Il-bejt ta' dan il-fond jaghti ghal-fuq bjut ohra u f'kamra ta' fuq il-bejt tal-fond adjacjenti l-Puliziia nnutat tieqa zgassata u meta ghamlet kuntatt mas-sidien irrizulta li dawn kienu ghadhom kemm telqu mir-residenza taghhom ghaxar minuti qabel u li ma kien hemm l-ebda zgass precedenti t-tluq taghhom;

2. Fuq il-persuna tal-imputat instabu bicca hadida bit-tarf taghha catt, GPS tal-marka GARMIN , oggett ghamla ta' cavetta ta' vettura BMW li izda kienet fil-fatt *recording device*, batterija ta' *laptop,* mus u basket zghir li fih kellu labbra tal-injezzjonijiet. Ma rrizulta xejn misruq mill-fond li fih ma jghix hadd u anqas minn dak fejn instabet it-tieqa zgassata;

3. L-ewwel Qorti sabet htija fl-imputat fl-ewwel imputazzjoni ta' tentattiv ta' serq, fit-tieni imputazzjoni dwar pussess ta' oggetti relatati ma' serq minghajr kont sodisfacenti taghhom, fit-tielet imputazzjoni dwar dhul illecitu gewwa fond u tas-sitt imputazzjoni dwar pussess ta' strument li jaqta' u bil-ponta minghjar permess tal-Kummissarju tal-Pulizija filwaqt illi ma sabitux hati tar-raba' imputazzjoni dwar hsara volontarja u l-hames imputazzjoni dwar ricettazjoni li qiesitha bhala alternattiva ghat-tielet wahda u laqghet it-talba tal-Prosekuzzjoni li titratta lill-imputat recidiv b'diversi sentenzi kontra tieghu li ghaddew in gudikat;

4. L-appellant jillanja din is-sentenza bil-gravam principali li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-ligi u jidher li l-mira tal-kritika tieghu hija rigward l-artikolu 287 tal-Kodici Kriminali li allura tissarraf fit-tieni imputazzjoni. Kif korrettament rilevat mill-appellant, l-oneru tal-prova f'imputazzjoni ta' din in-natura huwa fuq l-imputat la darba kien misjub hati ta' serq precedentement. Il-Qorti zzid ma' dan billi tikwalifika l-livell tal-prova bhala li huwa sufficjenti jekk probabilment sehh dak kif jallega l-imputat u ghalhekk mhix mehtiega prova 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni bhala

meta l-oneru tal-prova jkun fuq il-prosekuzzjoni. Issa, minkejja l-mod kif l-appellant imposta dan l-aggravju, l-ilment tieghu huwa msejjes ukoll fuq apprezzament tal-fatti meta jghid: "*Bir-rispett kollu l-appellant ma kellu xejn fil-pussess tieghu li kien res furtiva, fil-fatt ma kien hemm res furtiva. Bir-rispett kollu l-ewwel akkuza hija alternattiva ghat-tieni akkuzat. It-tnejn ma jistghux jezistu flimkien. Taht dan l-artikolu, l-element li l-oggetti ma jkunux tal-kondizzjoni tieghu, jigifieri li wiehed ma jistennix li l-persuna bhala ma huwa l-appellant, li ma kellux dar fejn jghix ikollu fil-pussess tieghu affarijiet li wiehed ma jistennix li jkollu. Jekk wiehed jara l-oggetti i kellu fil-pussess tieghu, kellu affarijiet konnessi ma' tiehid ta' droga, batterija, recorder fil-forma ta' cavetta, mus, key chain, basket u GPS. X'kellu jispjega l-appellant? Barrba minn hekk hadd ma qal li dawn l-oggetti kienu misruqin*".

5. L-appellant huwa zbaljat dwar dik il-parti ta' dan l-aggravju fejn jallega li dan ir-reat huwa wiehed alternattiv ghal dak tat-tentattiv ta' serq ravvizat fl-ewwel imputazzjoni. L-elementi tar-reat ta' serq huma differenti minn dawk tar-reat ipotizzat fl-artikolu 287 tal-Kodici Kriminali u t-tnejn jistghu jinghataw flimkien. Kif ser ikun mfisser fil-paragrafi sussegwenti, dan l-artikolu ma jirrigwardax biss pussess ta' oggetti li ma jkunux tal-kondizzjoni tal-imputat, izda ukoll dwar ghodod tajbin ghal ftuh jew zgass. Hija differenti l-ipotezi fil-kaz ta' imputazzjoni ta' serq ta' oggetti u ricettazzjoni (tal-istess oggetti) fejn allura persuna imputata b'serq ma tistax fl-istess hin tinsab hatja bl-akkwist taghhom meta taf li huma frott is-serq. F'dak il-kaz l-imputazzjonijiet jitqiesu alternattivi ghal xulxin. Fil-kaz in disamina, izda, s-sejba ta' ghodda jew mfietah

wahidhom jistghu jaghtu lok ghall-imputazzjoni flimkien ma' dik ta' serq jew it-tentattiv tieghu u ghalhekk din il-parti ta' dan l-aggravju qed tkun michuda;

6. Illi dwar dik il-parti tal-ewwel aggravju li l-imputat ma kellu xejn fil-pussess tieghu li kien frott ta' serq, tajjeb li jkun citat l-artikolu 287 tal-Kodici Kriminali fl-intier tieghu ghal-ahjar intendiment:

> **287. Kull min, wara li jkun ġie kkundannat f'Malta għal serq, jew għal riċetażżjoni, jinsab fil-pussess ta' frottijiet, xtieli, jew prodotti oħra tar-raba' jew tal-ġonna, jew ta' flus, jew ta' oġġetti oħra, li ma jkunux tal-kondizzjoni tiegħu, mingħajr ma jagħti kont sodisfaċenti ta' kif ikunu ġew leġittimament għandu; inkella jinsabu għandu mfietaħ, imqabblin jew iffalsifikati, jew għodod oħra tajbin għal ftuħ jew zgassar ta' serraturi, jew jinstabu għandu forom ta' serraturi, mingħajr ma jagħti kont sodisfaċenti għal liema skop leġittimu jinsabu għandu f'dak iż-żmien, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur.'**

7. Dan l-artikolu mkien ma jsemmi dak allegat mill-appellant li l-oggetti jridu jkunu frott ta' serq. Dik tista' tkun l-inferenza izda l-provvediment huwa car meta jghid li dawn huma hwejjeg "*mhux tal-kundizzjoni tieghu*". Issa, f'dan l-aspett, huwa palezi illi l-imputat kien bniedem li ma kellux fejn joqghod, huwa dizokkupat u fuqu ma nstab xejn ghajr dawn l-affarijiet. Huwa palezi ukoll mid-deposizzjonijiet u l-provi kumpilati, illi l-imputat huwa pluri recidiv fir-reat ta' serq u

ghalhekk kellu jkun hu li jaghti kont sodisfacenti tal-provenjenza ta' dawk l-oggetti. Minkejja dan, l-ewwel Qorti sabet htija fit-tieni parti tal-artikolu kwantu dan jirraviza ghodod tajbin ghal-izgass u serq u ghalhekk tastjeni milli tinoltra aktar dwar l-ewwel parti tal-artikolu ukoll ghaliex il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti fis-sejbien ta' htija kienu dwar il-hadida u mhux l-oggetti l-ohra;

8. Issa, l-lanjanza tal-appellant tirriskontra ostakolu kwantu din il-bicca hadida misjuba fuq hwejjgu li l-prosekuzzjoni tiddeskrivi bhala lieva anke jekk fl-appell tieghu ma jsemmi xejn dwarha. Mid-deposizzjoni tax-xhieda tal-prosekuzzjoni, jirrizulta li din hija hadida bit-tarf taghha catt u jirrizulta ukoll levatura f'tieqa f'kamra ta' fuq il-bejt tal-proprjeta' adjacenti. L-imputat spjega illi dik il-hadida sabha hemm u qabadha appena sema' lil xi hadd diehel fil-fond mhux abitat. Minkejja dan, izda, ic-cirkostanzi juru mod iehor ghaliex din il-hadida instabet fil-but tal-glekk tal-imputat u l-kont li ta ma hu xejn konvincenti. Fis-sottomissjonijiet orali quddiem din il-Qorti, d-difensur tal-appellant spjegat illi hu stqarr maghha li dik kien juzaha ghal skopijiet ta' tehid ta' droga biex izomm il-kuccarina. L-imputat kellu kull opportunita' li jaghti spjegazzjoni sodisfacenti dwar din il-hadida u naqas milli jaghmel hekk anke fuq livell tal-probabbli. Dak li spjega lill-avukat difensur tieghu fl-istadju tal-appell ma hu ta' ebda konfort ghalih la darba ma xehedx dwaru meta moghti l-opportunita'. Illi ghalhekk d-decizjoni tal-ewwel Qorti in rigward kienet wahda korretta u konsegwentement dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

9. It-tieni aggravju tal-appellant huwa dwar l-ewwel imputazzjoni, dik tat-tentattiv ta' serq u jallega li dahal gewwa fond, ghalih abbandunat, mhux biex jisraq izda ghaliex ma kellux fejn imur. Ezaminati l-provi akkwiziti, jemergi illi din l-imputazzjoni tirreferi ghal tentattiv ta' serq mill-fond adjacenti ghal dak li minnu dahal l-imputat. Kienx hemm oggetti x'jinsterqu mill-fond "abbandunat" jew le huwa immaterjali ghaliex l-izgass tat-tieqa irrizulta fil-proprjeta' adjacenti. Issa, anke jekk l-ewwel Qorti ma ghaddietx in rassenja s-segwenti provi, jidher li strahet fuq dawn il-provi indizzjarji li kienu jikkonsistu fl-izgass tal-ewwel fond, fil-levar tat-tieqa tal-fond adjacenti, s-sejbien ta' lieva fil-but tal-imputat, l-harba tal-imputat minn fuq il-post bl-intervent immedjat tal-pulizija, id-dikjarazzjoni ta' sid il-fond li kien mija fil-mija cert li l-izgass sehh dakinhar ghaliex hu jitla' fuq il-bejt kuljum u l-fatt illi dan kollu sehh biss ghaxar minuti wara li s-sidien tal-fond hargu minnu liema fond huwa adjacjenti ghal dak "abbandunat". Dawn il-provi gia jippuntaw f'direzzjoni univoka u jekk qatt seta' jqum xi dubju ragjonevoli dwar dawn il-provi imbaghad hemm id-dikjarazzjoni tal-imputat stess li hu ried jidhol fir-residenza adjacenti meta sema' persuni dehlin fil-fond "abbandunat" u beza'. L-imputat xehed hekk: "*U jiena naf li m'ghamiltx sew, dhalt gewwa hwejjeg in-nies* [b'referenza ghall-fond "abbandunat"]. *Tlajt nigri fuq il-bejt, kien hemm tieqa u pruvajt nizgassaha hekk u kien hemm hadida u l-hadida lanqas uzajtha fil-fatt, tfajtha fil-but u ghamiltilha hekk u t-tieqa nfethet*";

10. Illi fil-fehma tal-Qorti, fejn issa l-oneru tal-prova f'imputazzjoni ta' din ix-xorta huwa fuq il-prosekuzzjoni, l-

intervent tal-imputat bid-deposizzjoni tieghu ma tiswiex biex tohloq dak id-dubju ragjonevoli fil-kwalita' tal-prova mressqa mill-prosekuzzjoni u ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud. Ghalhekk l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha;

11. Illi l-imputat instab hati ukoll ta' zewg imputazzjonijet ohra izda dwarhom ma interpona ebda appell ossia ma ghamel ebda aggravju fir-rikors tal-appell tieghu minkejja li talab li jkun liberat mill-imputazzjonijiet li fihom instab hati. Fin-nuqqas ta' aggravju dwar it-tielet u s-sitt imputazzjoni din il-Qorti ma tistax tqis li hemm appell dwarhom. Ghalhekk l-appell qed ikun michud fl-intier tieghu.